



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Marzu 2024
(OR. en, bg)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0011(NLE)

8139/24
ADD 2

SOC 230
EMPL 132
ANTIDISCRIM 47
GENDER 49
SAN 193
FREMP 163
ILO 10

NOTA PUNT "A"

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 7671/24 ADD 2 REV 1	
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol - Dikjarazzjoni mill-Bulgarija

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni mill-Bulgarija, fir-rigward tal-proposta msemmija hawn fuq.

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

**dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri biex jirratifikaw il-Konvenzjoni
dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol**

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-pajjiż huwa u ser jibqa' ddedikat għall-impenji tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-ġlieda kontra l-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-kunċett ta' "ġeneru" li huma inkompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-Kostituzzjoni Bulgara. Barra minn hekk, fl-2021 il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tiċċara li l-kunċett ta' "sess" użat fil-Kostituzzjoni, jista', fil-kuntest tal-ordni legali nazzjonali, jinftehem fis-sens bijoloġiku tiegħu biss (irġiel u nisa).

L-Artikolu 1(1)(b) tal-Konvenzjoni Nru 190 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) jipprovdi protezzjoni kemm għal "sess" kif ukoll għal "ġeneru", li, fid-dawl tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija hawn fuq, iqajjem dubji dwar il-konformità tagħha mal-Kostituzzjoni Bulgara u b'hekk il-kapaċità tal-pajjiż li jirratifikaha. Konsegwentement, ir-Repubblika tal-Bulgarija **ma tappoġġax id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol**, li fir-rigward tagħha hemm inċertezza legali dwar jekk toħloqx obbligu ta' ratifika jew le.

Ir-Repubblika tal-Bulgarija hija mħassba wkoll li l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni tista' taffettwa l-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeċiedu b'mod indipendenti jekk jintrabtux b'din il-Konvenzjoni jew le f'konformità mal-Kostituzzjoni tal-ILO, li tista', min-naħa tagħha, tipperikola l-pożizzjoni tal-Istati Membri fin-negożjati għall-adozzjoni ta' Konvenzjonijiet u Rakkomandazzjonijiet futuri tal-ILO li jkopru kwistjonijiet ta' kompetenza kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Unjoni."